**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 101/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs.**

**Darren Zammit**

**-omissis-**

**-omissis-**

Illum id-9 ta' Mejju 2023

Il Qorti:

Rat li gie akkuzat Darren Zammit ta' 41 sena, iben Anthony Zammit u Catherine Zammit xebba' Vella, imwieled nhar it-30 ta' Marzu 1981 gewwa l-Pieta, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 177581M u resident gewwa 34B Triq Valletta, Luqa.

Akkuzat talli:

1. Talli bejn nhar l-24 ta' Ottubru 2022 u t-3 ta' Novembru 2022 ġewwa l-gzejjer Maltin assocja ruħhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jaghmel delitt f'Malta u cioe' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin minn ġewwa l-istabilliment bl-isem ta' "EPIC" li jinsab sitwat gewwa 17B, Vjal il-Helsien, Zebbug għad-dannu ta' Epic Communications Limited u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa.

2. Nakkuzawh talli nhar it-3 ta' Novembru 2022 ghal ħabta ta' bejn is-18:30 Hrs u is-18:45 Hrs ta' filgħaxija minn ġewwa l-istabilliment bl-isem ta' "EPIC" li jinsab sitwat gewwa 17B, Vjal il-Helsien, Zebbug ikkommetta serq ta' telefowns cellulari, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin centezmu (€2329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Christian Camilleri u / jew Epic Communications Limited u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu car, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Christian Camilleri, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iccertifikata minn Dr Mark Debrincat numru tar-reġistru mediku 4710 tal-Berga tas-Saħħa tal-Floriana.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Christian Camilleri u / jew Lamu' Calvanico kontra l-volonta' taghhom

u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex jkunu mġiegħhla jaccettaw li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejjiġhom.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhu licenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Nakkuzawhom talli nhar it-3 ta' Novembru 2022 ghal ħabta ta' bejn is-18:15 Hrs u is-18:30 Hrs ta' filghaxija minn ġewwa l-parkegg li jinsab ezattament bizwit l-istabiliment bl-isem ta' "BigMat"" li jinsab sitwat gewwa Vjal l-Istadium Nazzjonali, Attard ikkommetta serq ta' pjanci li juru n-numru tar-registrazzjoni DSO019, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-haga misruqa  u li sar għad-dannu ta' Richard Pisani  u /jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

7. Nakkuzawh talli nhar il-24 ta' Ottubru 2022 ghal ħabta ta' bejn l-10:30 Hrs u l-10:45 Hrs ta' filghodu minn ġewwa l-istabilliment bl-isem ta' "EPIC" li jinsab sitwat gewwa 17B, Vjal il-Helsien, Zebbug ikkommetta serq ta' telefowns cellulari, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin centezmu (€2329.37) u li sar għad-dannu tal-kumpanija EPIC Communications Limited u /jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli fl-istess fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2022 wara li sar l-ezami ta' l-imputat skont l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[1]

Rat li fl-ewwel udjenza tad-9 ta' Marzu 2023 l-imputat Darren Zammit irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.[2]

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu fl-istess seduta kif ukoll fl-udjenza tal-20 ta' April 2023.[3]

---

[1] Folio 13 ta' l-atti processwali
[2] Folio 47 ta' l-atti processwali
[3] Folio 113 ta' l-atti processwali

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-*presentencing report* li gie mhejji fuq ordni tal-Qorti pprezentat mill-ufficjal tal-probation Sharlet Fabri.[4]

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tal-20 ta' April 2023.[5]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

[4] Dok SF1, Folio 120-156 ta' l-atti processwali
[5] Folio 297-298 ta' l-atti processwali

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija aggornata sa Novembru tas-sena 2022[6]. Sa dak in-nhar il-fedina penali ma kienitx netta u fiha jinsab registrat diversi sentenzi.

- L-ammissjoni ta' l-imputat. Illi l-imputat kien tressaq flimkien ma zewg ko-imputati ohra nhar il-11 ta' Novembru 2022. Illi stante li wiehed mill-ko-imputati irregistra ammissjoni kien hemm separazzjoni tal-gudizzju tal-kawza ta' l-imputat. Illi sussegwentement meta l-kawza giet assenjata quddiem din il-Qorti kif preseduta, l-ammissjoni ta' l-imputat saret fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[7], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[8], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[9] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[10]

  Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Qorti ma kelliex ghalfejn tidhol f'hafna xoghol u spejjez sabiex tinstema din l-kawza u filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li l-ammissjoni ta' l-imputat saret fl-ewwel opportunita u ghalhekk l-ammissjoni saret fi stadju bikri.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- L-imputat huwa recidiv skont l-aritkolu 49 tal-Kodici Kriminali.

---

[6] Folio 17-20 ta' l-atti processwali
[7] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[8] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[9] Thomson Reuteurs, S-29
[10] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Il-Qorti evalwat dak kollu li hu msemmi fil-*presentencing report*. Fl-istess rapport, l-imputat sostna li hass rimors ghall-vittmi u li kien interessat li jippartecipa fi process ta' medjazzjoni maghhom.[11] Mill-istess rapport irrizulta li l-imputat kellu vizzju tad-droga li parti mir-raguni taghha hija attriwibbli minhabba abbuz sesswali li ghadda minnu meta kien zghir kif ukoll ibgati minn kundizzjonijiet ohra relatati mas-sahha mentali tieghu.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi fil-*presentencing report* l-ufficjal tal-probation irrakkomandat li din l-Onorabbli Qorti tinfliggi piena karcerarja fil-konfront ta' l-imputat u dan sabiex isostni t-triq it-tajba li qabad permezz ta' ambjent ikkontrollat bhalma huwa l-habs.[12]

- Illi l-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha talbet lill-Qorti tikkunsidra piena ta' erba' (4) snin prigunerija bhala piena effettiva. Id-difiza irremetiet ruhha ghal dan is-suggeriment. Il-prosekuzzjoni tenniet ukoll li l-imputat ikkopera mal-pulizija fejn seta tul l-investigazzjoni. Jirirzulta ghalhekk, li filwaqt li l-Qorti mhix marbuta mal-piena suggerita mill-partijiet, il-Qorti tara u tqis li wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi.

[11] Folio 124 ta' l-atti processwali
[12] Folio 133 ta' l-atti processwali

- Illi permezz ta nota tal-pulizija nhar is-17 ta' Marzu 2023, il-Qorti giet infurmata li r-res furtiva giet irkupratha kollha u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithalsu mill-imputat fil-konfront tal-vittmi.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li l-artikoli 48A(1)(2)(3)(4), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 274, 275, 277(b), 280(2), 214, 215, 221(1), 86, 87(1)(c)(e), 261(f)(g), 270, 271(g), 281(b) u 49 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Darren Zammit fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah terminu ta' prigunerija kumplessiva ta **erba'** (4) snin habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv u multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (**€116.47**).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi

mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi u problemi ta sahha mentali, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Christian Camilleri, Lamu' Calvanico u Richard Pisani ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar id-9 ta' Mejju 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**